# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI**

**Seduta ta' nhar it-Ħamis, 3 ta' Ottubru, 2024**

**Numru 7**

**Rikors numru 78/2021/1BS**

**Nicholas Galea**

**v.**

**Emanuel Mizzi**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq mill-konvenut Emanuel Mizzi minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġurisdizzjoni Superjuri) (Sezzjoni Ġenerali), nhar is-27 ta' Ottubru, 2023, li biha laqgħet it-talbiet kollha tal-attur u sabet li l-konvenut wettaq spoll kontrih u b'hekk ordnat lill-konvenut iġib kollox għal li kien qabel it-twettiq tal-ispoll, bl-ispejjeż kollha kontrih.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf tas-17 ta' Settembru, 2021, l-attur fisser li huwa s-sid ta' diversi porzjonijiet ta' raba' fl-inħawi magħrufa bl-ismijiet 'Tax-Xemxi','Tal-Fanal', 'Ta' Ġordan' jew 'Tal-Gallina' fuq l-għolja u kontrada magħrufa bħala Ta' Ġordan fil-limiti tal-Għasri, f'Għawdex. Din ir-raba' tintlaħaq kemm minn dak li huwa jsejjaħlu bħala «*passaġġ karrozzabbli*», kif ukoll minn passaġġ bir-riġel. Isostni li fis-17 ta' Awwissu, 2021, il-konvenut bena ħajt fil-passaġġ karrozzabbli u fixkel dan l-aċċess, bil-konsegwenza li meta l-attur mar biex joħroġ sab il-passaġġ imblokkat b'ħajt tal-ġebel. L-attur jgħid li rrapporta dan l-inċident lill-pulizija u wera suspett magħhom li l-ixkiel fil-passaġġ kien għamlu l-konvenut. Jgħid li l-konvenut ammetta mal-pulizija li kien hu li bena l-ħajt għax kellu d-dritt jagħmel dan, peress li l-passaġġ hu tiegħu u rrifjuta milli jneħħih, anke wara li ġie mwissi permezz ta' ittra. Jisħaq li dan l-għemil jikkostitwixxi spoll vjolenti u klandestin.

3. Billi l-konvenut ma riedx jaf li jqiegħed kollox lura għal kif kien qabel għaliex baqa' jżomm l-aċċess għall-«*passaġġ karrozzabbli*» ostakolat, l-attur fetaħ din il-kawża u talab lill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġurisdizzjoni Superjuri) (Sezzjoni Ġenerali) sabiex:

> *«1. tiddikjara li l-għamil tal-konvenut meta permezz ta' ħajt tal-ġebel li bena fil-passaġġ karrozzabbli u ġebel ieħor li l-istess konvenut iddepożita fl-istess passaġġ, li bih imblokka u fixkel l-aċċess tal-attur mill-istess mogħdija li minnha jgħaddu gabillotti u sidien oħra tar-raba' għar-raba' tagħhom fuq l-għolja 'Tal-Ġordan' limiti tal-Għasri, Għawdex,*

*jikkostitwixxi spoll vjolenti u klandestin;*

*2. tikkundanna lill-konvenut jisporga l-ispoll minnu kommess fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilu prefiss minn din il-Qorti billi jneħħi l-ħajt u kull xkiel ieħor li għamel fil-mogħdija, u jiġi ordnat iħalli l-passaġġ liberu mill-istess mogħdija; u*

*3. Fin-nuqqas li l-konvenut jagħmel dan, tawtorizza lill-attur ineħħu (recte: ineħħi) l-ixkiel kollu li għamel il-konvenut fil-mogħdija karrozzabbli, u jekk ikun meħtieġ taħt id-direzzjoni ta' perit nominand sabiex ix-xogħol ta' rimozzjoni tal-ħajt u ta' kull xkiel ieħor li l-konvenut għamel fil-passaġġ isir taħt id-direzzjoni u supervizjoni tiegħu, kollox a spejjeż tal-konvenut.*

*Bl-ispejjeż kollha nklużi tal-ittra uffiċjali 588/2021 tal-14 ta' Settembru 2021 u tal-mandat ta' inibizzjoni 30/2021 fl-ismijiet inversi degretat, kontra l-konvenut.*

*Bl-inġunzjoni tal-konvenut għas-subizzjoni li għaliha minn issa huwa mħarrek.»*

4. Bi tweġiba mressqa fl-1 ta' Novembru, 2021, il-konvenut wieġeb għal din il-kawża billi ressaq dawn l-eċċezzjonijiet:

*«1. Illi t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda minn din l-Onorabbli Qorti, bl-ispejjeż kontra tagħha;*

*2. Illi preliminarjament u bl-ikbar rispett dovut, l-esponenti jeċċepixxi l-eċċezzjoni tar-rikuża tal-Maġistrat Dr. Brigitte Sultana u peress li hija diġà ppronunzjat ruħha fuq almenu element wieħed marbut ma' din il-kawża odjerna permezz tad-digriet datat 9 ta' Settembru 2021 mogħti fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni 30/2021 BS f'ismijiet inversi;*

*3. Illi r-rikors promotur f'din il-kawża jinkwadra biss selezzjoni ta' assezzjonijiet u nofs veritajiet li jagħtu stampa a dir poco qarrieqa tal-kwistjoni li nħolqot mill-attur stess f'Awwissu li għadda.*

*4. Illi għall-kompletezza tal-fatti, mingħajr preġudizzju, l-esponenti jirrileva illi nhar l-14 ťa Awwissu 2021 l-attur f'din il-kawża daħal f'parti mir-raba' tal-esponenti, fejn m'għandux dritt jgħaddi, permezz ta' inġenji tal-kostruzzjoni ossia gaffa u trakkijiet li bihom għarraq proprjetà tal-esponenti billi qala' ħitan tas-sejjieħ u neħħa ħamrija u ġebel tas-sejjieħ mill-art tal-esponenti kif ukoll anke għamel l-istess fi proprjeta ta' terzi li tiġi biswit ir-raba' tal-esponent. Illi dan ix-xogħol sar mill-kuntrattur Said Construction Ltd. fuq direzzjoni tal-attur f'din il-kawża kif diġà ġie ammess mill-istess attur;*

*5. Illi din il-kondotta tal-attur tikkostitwixxi spoll vjolenti u klandestin fuq*

*il-proprjetà tal-esponenti u l-esponenti kellu jmexxi b'kawża ta' spoll fir-rigward;*

*6. Illi fis-16 ta'Awwissu 2021 l-intimat ħa ħsieb ġab xi materjal tas-sejjieħ biex jirranġa ħwejġu li jgħarraqlu l-attur u anke bl-applikazzjoni tal-massima rem vim repellent licet; kif ukoll fl-istess ġurnata intavola mandat ta' inibizzjoni biex l-attur ma jwettaq l-ebda xogħol ieħor ġo ħwejjeġ l-esponent liema mandat kien ġie milqugħ proviżorjament, u kif ukoll iżjed tard fil-jum għamel rapport mal-Pulizija fuq dak li kien ġara fl-14 ta' Awwissu 2021 - anness ma' dan ir-rikors Dok. A;*

*7. Illi l-attur għamel ftit iktar minn ġimgħa jirreżisti li jiġi nnotifikat b'dan il-mandat, biex tul dan iż-żmien huwa ma jkunx karpit bl-ordni tal-Qorti;*

*8. Illi fis-17 ta' Awwissu 2021 l-esponent ma bena l-ebda ħajt kif jidher mir-rapporti tal-pulizija u anke kif ser jiġi ppruvat fil-mori tal-kawża;*

*9. Illi għalhekk tenut kont ta' dan kollu u anke fid-dawl tal-provi li ser jirriżultaw f'din il-kawża ma jissusistux l-elementi kollha ta' spoll kif rikjesti mil-Liġi u għaldaqstant it-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda kollha;*

*10. Salvi eċċezzjonijiet oħra skont il-Liġi.»*

5. B'sentenza mogħtija fis-27 ta' Ottubru, 2023, il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġurisdizzjoni Superjuri) (Sezzjoni Ġenerali) iddeċidiet il-kawża hekk:

*«i) Tilqa' l-ewwel talba;*

*ii) Tilqa' t-tieni talba u tikkundanna l-konvenut jisporga l-ispoll fi żmien xahar billi jneħħi l-ħajt u kull xkiel ieħor li għamel fil-mogħdija. Din il-Qorti tordna lill-konvenut iħalli l-passaġġ liberu mill-istess mogħdija;*

*iii) Tilqa' t-tielet talba u tawtorizza lill-attur ineħħi l-ixkiel kollu li għamel il-konvenut fil-mogħdija jekk il-konvenut jonqos li jneħħih hu kif ordnat jagħmel fil-paragrafu ta' qabel dan. Għal dan il-għan qed taħtar lill-Perit Alexei Pace sabiex jissorvelja x-xogħlijiet intrapriżi mill-attur u jagħti dawk id-direzzjonijiet meħtieġa lill-istess attur, bl-ispejjeż kollha jkunu a karigu tal-konvenut.*

*Bl-ispejjeż tal-kawża a karigu tal-konvenut.»*

6. Ir-raġunijiet li wasslu lill-Ewwel Qorti għal din id-deċiżjoni kienu

dawn li ġejjin:

*«**Id-Dritt**.*

*Minn qari tat-talbiet jirriżulta li l-kawża tal-lum hija kawża ta' spoll u fil-liġi nostrana l-actio spolii hija regolata bl-Artikolu 535 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16, tal-Ligijiet ta' Malta, li jaqra kif ġej:*

> *«535. (1) Jekk persuna tiġi, bil-vjolenza jew bil-moħbi, mneżżgħa mill-pussess, ta' liema xorta jkun, jew mid-detenzjoni ta' ħaġa mobbli jew immobbli, hija tista', fi żmien xahrejn mill-ispoll, titlob, b'azzjoni kontra l-awtur tal-ispoll, li terġa' tiġi mqiegħda f'dak il-pussess jew f'dik id-detenzjoni, kif jingħad fl-artikolu 791 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.*
>
> *(2) Dan it-tqegħid mill-ġdid fil-pussess jiġi ordnat mill-qorti, wkoll jekk il-konvenut ikun is-sid tal-ħaġa li tagħha l-attur ikun bata l-ispoll.»*

*...*

*Ai termini tal-Artikolu preċitat, biex il-Qorti tilqa' t-talbiet tal-attur dan irid jissodisfa tliet (3) rekwiżiti li huma:*

*i. li huwa kellu l-pussess tal-passaġġ, liema pussess jista' jkun ta' kwalunkwe xorta jew b'detenzjoni—possedisse;*
*ii. li ġie spoljat minn dak il-pussess jew detenzjoni—spoliatum fuisse, u;*
*iii. li intavola l-kawża ta' spoll fi żmien xahrejn mill-jum li fih sar l-att spoljattiv allegat minnhu - infra bimestre deduxisse.*

*...*

***Azzjoni fi żmien xahrejn.***

*Din il-Qorti ser tibda mit-tielet element u ċjoè ser tindaga u tara jekk l-azzjoni tal-attur ġietx intavolata entro t-terminu ta' xahrejn minn meta seħħ l-att spoljattiv. Jekk jirriżulta li l-azzjoni ma ġietx intavolata f'dak it-terminu allura l-Qorti tkun kostretta tieqaf hawn u l-azzjoni tal-attur tfalli.*

*...*

*Mill-atti jirriżulta mhux kontestat li l-azzjoni ta' spoll ġiet imressqa fi żmien xahrejn minn meta beda l-allegat att spoljattiv. Infatti jirriżulta li l-att spoljattiv seħħ f'Awwissu, 2021 u l-kawża ġiet ippreżentata fis-17 ta' Settembru, 2021, u għalhekk entro t-termini ta' xahrejn impost bil-liġi.*

***Il-Pussess**.*

*Imiss issa li din il-Qorti fl-ewwel lok tevalwa l-fatti sabiex jiġi determinat jekk effettivament l-attur kellux pussess tal-passaġġ meta seħħ l-att spoljattiv. Rigward l-element tal-pussess din il-Qorti tagħmilha ċara li fl-ambitu ta' każ ta' spoll mhux il-kompitu tagħha li tiddeċiedi jekk mil-lat*

*kuntrattwali l-attur għandux jedd jew le għal dritt ta' passaġġ fuq l-għalqa tal-konvenut. Dan għaliex sempliċi pussess jew detenzjoni tal-oġġett spoljat jista' jwassal għas-suċċess ta' kawża ta' spoll indipendentement mill-jeddijiet kuntrattwali tal-partijiet fuq l-oġġett inkwistjoni.*

*Min-naħa tiegħu l-attur irid juri li huwa kien fil-pussess tal-passaġġ imqar materjali jew ta' fatt. Dan il-pussess irid ikun fid-deher, ukoll jekk ikun għal żmien qasir anke jekk momentarju iżda l-pussess ma jistax ikun wieħed ekwivoku. Huwa stabbilit ukoll li azzjoni ta' spoll tħares il-pussess ta' eżerċizzju ta' dritt. B'mod partikolari, jista' jkun il-każ fejn persuna jkollha pussess jew detenzjoni ta' jedd maħluq minn stat ta' fatt.*

*...*

*Imiss għalhekk li issa jiġi kkunsidrat jekk l-attur kellux il-pussess tal-passaġġ li fih inbena l-ħajt tas-sejjieħ u fejn tpoġġa l-borġ tal-ġebel. L-attur jinsisti li huwa ilu snin jgħaddi minn dan il-passaġġ mingħajr ebda xkiel. Jisħaq illi huwa dejjem għadda bil-karozza mill-passaġġ inkwistjoni u anke ressaq xhieda li jikkonfermaw dan. Ġew esibiti wkoll diversi ritratti mill-ajru illi juri l-passaġġ li huwa wiesgħa mhux ħażin ilu ffurmat snin twal. Barra minn hekk ma nġabet ebda prova kuntrarja illi xxejjen l-argument tal-attur illi huwa effettivament kien jgħaddi minn dan il-passaġġ biex jasal għal għelieqi tiegħu. L-argument tal-konvenut illi l-attur għandu passaġġ ieħor minn fejn jista' jgħaddi ma jnaqqas xejn mill-fatt illi mill-provi jirriżulta li l-attur għandu pussess tal-passaġġ mertu tal-kawża odjerna. Barra minn hekk il-konvenut Mizzi ma ressaq l-ebda prova li turi li l-pussess tal-attur tal-passaġġ inkwistjoni kien biss b'mera tolleranza.*

*Fid-dawl ta' dawn il-fatti l-Qorti tqis li l-element ta' pussess ġie sodisfatt ukoll.*

***Att Spoljattiv***

*...*

*Il-Qorti fliet il-verżjoni tal-attur u tinnota li tul il-kawża din kienet waħda konsistenti u ċjoè illi meta għadda filgħodu ta' nhar is-17 ta' Awwissu, 2021 ma sab l-ebda diffikultà biex jgħaddi mill-passaġġ. Il-problema nqalgħet filgħaxija meta ġie biex imur lura d-dar għax il-passaġġ kien imblukkat bil-ġebel. Din hija wkoll il-verżjoni li tirriżulta mill-okkorrenza esibita in atti.*

*Min-naħa tal-konvenut l-Qorti tinnota li huwa stess ammetta kemm mal-pulizija kif ukoll waqt ix-xhieda tiegħu illi kien huwa li tefa' l-ġebel f'nofs il-passaġġ għax skont hu hemmhekk hija proprjetà tiegħu. Jgħid ukoll illi l-ġebel intefa' hemm bil-ħsieb illi jinbena l-ħajt li skont il-konvenut twaqqa' mill-attur meta dan tal-aħħar daħal bl-inġenji tal-kostruzzjoni.*

*Il-Qorti fliet ir-ritratti esibiti. Tqis illi l-argument sollevat mill-konvenut illi l-*

*passaġġ qatt ma kien wieħed karozzabbli iżda kien wieħed tar-riġel ma jreġix u dan għax mir-ritratti meħudin mill-ajru huwa ċar daqs il-kristall illi l-passaġġ inkwistjoni huwa wieħed wiesgħa mhux ħażin.*

*Barra minn hekk jirriżulta daqstant ċar illi fil-passaġġ ma kien hemm l-ebda ħajt illi jagħlaq l-istess passaġġ fil-wisa' tiegħu u għalhekk tqis illi l-verżjoni mogħtija mill-konvenut illi fil-passaġġ kien hemm ħajt fil-wisa' tiegħu ma għandhiex mis-sewwa. Il-Qorti lanqas ma hija konvinta li l-attur waqqa' l-ħitan biex seta' jgħaddi bl-inġenji mill-passaġġ u dan qed tgħidu a bażi tax-xhieda mogħtija minn Josef Said kif ukoll minn analiżi tar-ritratti meħudin mill-ajru.*

*Kif ġa ngħad aktar 'il fuq il-konvenut jipprova jilqa' għat-talbiet tal-attur billi anke jisħaq li l-attur għandu passaġġ ieħor alternattiv. Din il-Qorti għal darb'oħra ttenni li dan l-argument ma jreġix billi fil-każ tal-lum il-Qorti trid tkun sodisfatta mhux jekk hemmx passaġġ ieħor iżda jekk bil-ġebel li għamel il-konvenut u bil-ħajt illi bena huwa waqqafx lil attur milli jkompli jagħmel użu mill-passaġġ mertu tal-kawża u li dan sar kontra r-rieda tiegħu.*

*...*

*Mill-provi akkwiżiti infatti jirriżulta li l-ġebel f'nofs il-passaġġ intefa' minn wara dahar l-attur tant li meta huwa ġie biex jgħaddi minnu lura lejn id-dar sabu li ma jistax u ċempel lill-pulizija. Barra minn hekk jirriżulta wkoll mir-ritratti meħudin mill-ajru li fil-passaġġ ma kien l-ebda ħajt u għalhekk l-azzjoni tal-konvenut kienet intiża biss biex jiġi mblokkat il-passaġġ ħieles.*

*Għalhekk tenut kont ta' dawn il-konsiderazzjonijiet kollha l-Qorti tqis li l-attur irnexxielu jissodisfa l-elementi kollha meħtieġa sabiex il-kawża tiegħu tirnexxi u għalhekk ser tgħaddi biex tilqa' t-talbiet tiegħu.»*

7. Il-konvenut appella minn din is-sentenza b'rikors tas-27 ta' Novembru 2023, u permezz tiegħu jgħid li jħossu aggravat mis-sentenza tal-Ewwel Qorti għaliex: (i) ma tressqitx prova tal-pussess; u (ii) li ma seħħ u lanqas biss seta' jseħħ xi att spoljattiv fis-17 ta' Awwissu 2021.

8. L-attur wieġeb għal dan l-appell fil-11 ta' Marzu, 2024, fejn ressaq għadd ta' raġunijiet għalfejn dan l-appell għandu jiġi miċħud. Talab ukoll li din il-Qorti tapplika l-**Artikolu 223(4)** tal-**Kodiċi ta' Organizzazzjoni u**

**Proċedura Ċivili** ħalli l-appellant jiġi kkundannat iħallas id-*doppie spese* u dan għaliex l-appell hu frivolu u vessatorju, intiż biss biex l-appellat jibqa' mwaqqaf mill-jaċċedi għar-raba' tiegħu billi jgħaddi mill-passaġġ inkwistjoni permezz ta' vettura.

9. Wara li rat l-atti kollha tal-kawża, din il-Qorti tqis li m'hemmx il-ħtieġa li tqiegħed dan l-appell għas-smigħ u b'hekk sejra tgħaddi minnufih għas-sentenza b'riħet l-**Artikolu 152(5) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

**Konsiderazzjonijiet:**

10. Qabel tgħaddi biex tindirizza l-aggravji din il-Qorti tinnota li din il-kawża qiegħda timxi mal-kawża 90/2021 fl-ismijiet ***Emanuel Mizzi v. Nicholas Galea***, deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġurisdizzjoni Superjuri) (Sezzjoni Ġenerali) nhar is-27 ta' Ottubru 2023, liema kawża ġiet ukoll appellata. Din il-Qorti rat li l-provi mressqa f'dik il-kawża jgħoddu wkoll għal din il-kawża, u viċiversa. Wara talba tal-attur tal-31 ta' Diċembru, 2021, l-Ewwel Qorti b'digriet tal-25 ta' Jannar, 2022, ordnat li jiġi allegat mal-atti ta' din il-kawża l-proċess tal-mandat ta' inibizzjoni bin-numru 31/2021 fl-ismijiet ***Emanuel Mizzi v. Nicholas Galea***, permezz ta' liema Emanuel Mizzi kien talab li Nicholas Galea jieqaf milli jiftaħ jew iwessa' passaġġi billi jwaqqa' ħitan jew ineħħi jew

iwitti ħamrija agrikola. Dan il-mandat ġie miċħud permezz ta' digriet kamerali tad-9 ta Settembru 2021.

11. Din il-Qorti rat li fis-seduta tal-1 ta' Lulju 2022, fl-atti tar-rikors ġuramentat 90/2021 (ara paġna 110 f'dawk l-atti), ġie verbalizzat li l-provi miġbura f'dik il-kawża kellhom jiddaħħlu f'din il-kawża. L-istess ġie maqbul fis-seduta tat-8 ta' Marzu 2023 (ara paġna 180 fl-atti tar-rikors ġuramentat 90/2021).

12. Din il-Qorti rat ukoll li hemm żewġ kwistjonijiet pendenti li jirrigwardaw passaġġ (dak imsejjaħ karrozzabbli) li jgħaddi mir-raba' tal-konvenut Emanuel Mizzi. Fuq naħa minnhom l-attur Nicholas Galea jsostni li hu ilu juża dan il-passaġġ għal snin sħaħ u li dejjem għadda minnu bil-karozza bejn ix-xhur ta' Mejju u Settembru, iżda li fis-17 ta' Awwissu 2021 sab il-passaġġ ostakolat b'ħajt u ġebel li poġġihom il-konvenut. Fuq in-naħa 'l oħra, il-konvenut Emanuel Mizzi jsostni li l-ilment tal-attur huwa kollu *messa in scena* u dan għaliex l-attur qatt ma għadda minn dan il-passaġġ, iżda fl-14 ta' Awwissu, 2021, l-attur inqabad iwettaq xogħlijiet fuq dan il-passaġġ bil-għan li jgħaddu inġenji tax-xogħol u trakkijiet biex isir xogħol fuq ir-raba' tal-konvenut. Il-konvenut Emanuel Mizzi jisħaq li l-attur wettaq spoll fuq ħwejġu u li biex jipprova jaħrab minn għemilu, l-attur ivvinta li hu għandu l-pussess fuq il-passaġġ karrozzabbli. Il-mertu meqjus f'din il-kawża jirrelata biss mal-ispoll li l-attur Nicholas

Galea jgħid li sofra. Il-mertu mqajjem mill-konvenut *qua* appellant Emanuel Mizzi hu indirizzat fl-atti tar-rikors ġuramentat 78/2021.

13. L-appellant, permezz tal-**ewwel aggravju**, jilmenta li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament ħażin u żbaljat tal-provi fir-rigward tal-prova tal-pussess u dan għaliex l-attur qatt ma seta' jipprova li għandu xi tip ta' pussess jew detenzjoni tal-passaġġ. Jgħid li l-Ewwel Qorti straħet fuq ix-xhieda mressqa mill-appellat, inkluż dik mogħtija minnu, fuq ritratti mittieħda mill-ajru, u fuq li l-appellant ma ġab l-ebda prova li l-appellat għandu passaġġ ieħor. Dawn però skont l-appellant mhumiex prova biżżejjed tal-pussess li l-attur jgħid li għandu.

14. Biex isostni dan, l-appellant jagħmel diversi osservazzjonijiet:

a. Li l-attur ma kkorraborax ix-xhieda mogħtija minnu meta qal li juża passaġġi differenti fis-sajf u fix-xitwa biex jasal għar-raba' tiegħu. Però jgħid li l-użu ta' passaġġi differenti juri li l-attur kien juża passaġġi oħra u li meta għadda minn fuq l-art tal-appellant, l-attur kien qiegħed biss jagħmel manuvra klandestina biex joħloq passaġġ ġdid li qatt ma kellu;

b. Li l-appellat ma għandux ir-raba' qrib il-post fejn saret it-twittija tal-ħamrija u ġebel fl-art tal-appellant u li biex imur għar-rabà tiegħu l-appellat irid jgħaddi minn fuq diversi biċċiet raba' li huma ta' terzi;

c. Li r-raġuni għaliex l-attur ried jiftaħ il-passaġġ inkwistjoni kien biex ikun jista' jibni *agricultural store* u li għalhekk kellu bżonn il-makkinarju tal-bini ta' Said Construction Ltd. u dan biex jiftaħ il-ħitan u jkaxkar ħamrija ħalli jkun jista' jgħaddi għal dan l-iskop. L-appellant jgħid li dan ammettih l-attur stess meta qal li ħariġlu permess għall-istore u li x-xogħol ried jagħmlu fis-sajf biex ikun jista' jgħaddi bl-inġenji;

d. Li l-attur ħoloq *messa in scena* dakinhar li allegatament seħħ l-ispoll, ċjoè fis-17 ta' Awwissu, 2021, u dan billi biex wasal għall-għelieqi tiegħu hu għadda minn passaġġ ieħor u dan biex l-attur jallega li spiċċa mblokkat u wara jkun jista' jċempel lill-pulizija biex jieħu dritta li jwarrab il-materjal. L-appellant jgħid li dan kollu ġie mfattar wara l-akkadut tal-14 ta' Awwissu 2021 u wara li kien jaf li qed jippruvaw jinnotifikawh il-marixxalli tal-Qorti b'mandat ta' inibizzjoni. Jgħid li din l-ipoteżi hi korroborata mill-fatt li skont ir-ritratti mressqa mill-appellant mal-affidavit tiegħu (f'paġni 134 sa 147), hu evidenti li l-ġebel ġie mitfugħ wara l-14 ta' Awwissu 2021 u speċifikatament fis-16 ta' Awwissu 2021, u mhux fis-17 ta' Awwissu 2021, kif qal l-attur. Li dan hu korroborat mill-*metadata* tar-ritratt. Li b'hekk il-verżjoni tal-attur li spiċċa maqful hi waħda fittizja u intiża biex toħloq konfużjoni fil-kronoloġija tal-fatti;

e. Li fil-kontroeżami tiegħu l-attur ikkontradixxa dak li xehed hu stess fl-affidavit tiegħu meta qal li l-passaġġ inkwistjoni, u ċjoè dak karrozzabbli, hu l-unika passaġġ minn fejn jistgħu jgħaddu l-bdiewa b'mezzi mekkaniċi;

f. Li l-attur xehed li ħallas sabiex ikun jista' jgħaddi minn passaġġ ieħor bil-mezzi mekkaniċi iżda ma ġabx prova ta' dan. Minbarra dan, mhux ċar jekk il-ħlas li sar, sarx biex l-attur ikun jista' jgħaddi hu jew inkella biex ikunu jistgħu jgħaddu mezzi mekkaniċi;

g. Li l-passaġġ li wera l-attur permezz ta' ritratti mittieħda mill-ajru kien passaġġ minn fejn l-appellant kien iħalli jgħaddu biss lil ċertu George Mercieca u Samuel Mizzi u dan bi ftehim magħhom;

h. Li l-appellat qatt ma jista' jikkonvinċi li kellu pussess fuq dan il-passaġġ u dan għaliex huwa ċar li l-għemil tal-14 ta' Awwissu 2021 sar biex joħloq passaġġ ġdid u dan biex jidħol bl-inġenji tal-bini u xejn aktar u li qatt ma kellu bżonn il-passaġġ ġdid biex jasal sar-raba' tiegħu;

i. Li x-xhieda ta' William Zammit hi dubjuża u dan għaliex xehed li r-raba' tiegħu ma nħadmitx u dan meta kemm ir-rabà tiegħu u kemm

dik tal-attur inħadmet, u li jsemmi passaġġ mhux relatat; u

j. Li l-attur ma ġab l-ebda prova jew almenu ritratt ta' kif kien il-post qabel ma ġie minsus bl-inġenji ta' Said Construction Ltd. u li dan ma kienx jaqbel li jiġi muri għaliex inkella l-attur ma setax jinnega li huwa mess xi ħaġa fil-post bl-inġenji.

15. Jisħaq li r-raġunijiet li strieħet fuqhom l-Ewwel Qorti huma b'hekk fallaċi u l-konklużjonijiet żbaljati. Li mhux minnu li ma nġabet l-ebda prova li tikkontradixxi lil dik tal-appellat u li l-appellat stess igiddeb lilu nnifsu. Li l-element tal-pussess ma għandux jittieħed b'mod laxk meta għandek persuna li ppruvat tinvadi l-proprjetà ta' ħaddieħor bil-għan ċar li tikkrea passaġġ. Li l-Qorti kellha tara li l-attur verament kellu l-pussess tal-passaġġ inkella tkun qed tagħti lok għall-abbuż u kull persuna tista' ddur fuq xi passaġġ u tgħid li għandha l-pussess tiegħu. Isegwi li din il-Qorti għandha tikkonsidra li għalkemm ir-ritratti mittieħda mill-ajru huma prova imparzjali u ta' ċertu portata, huwa l-appellat li kellu juri n-*nexus* bejn dak li jidher mill-ajru u dak li effettivament għandu fil-pussess tiegħu. Dan però ma sarx.

16. Ikompli jargumenta li fejn jidhru marki mill-ajru, li jgħaddu min-nofs ir-raba', dawn immarkaw ruħhom għaliex kien jgħaddi ċertu George Mercieca, li wara li kien juża l-passaġġ dan kien jingħalaq. Għalhekk, l-

attur qed juża ritratti li ma jindikawx min għadda jew ħalla l-marki u qed jagħmel dan biex jittanta jsarrafhom f'pussess. Li l-attur lanqas wera fejn hi r-raba' tiegħu, liema raba' lanqas biss tmiss ma' tal-appellant iżda tinsab fuq ix-xaqliba l-oħra.

17. Li fl-aħħar mill-aħħar l-appellat xorta rnexxielu jlesti x-xogħol li kien qed jagħmel u għadda minn passaġġi oħra. Fl-aħħar nett wieħed għandu wkoll jirreferi għat-tkissir li għamel l-attur fi ħwejjeġ l-appellant.

18. Mill-banda l-oħra l-appellat ta sommarju tal-fatti u fir-rigward tal-ewwel aggravju saħaq li hu rnexxielu jipprova li kellu l-pussess tal-passaġġ. Jisħaq li kien il-konvenut li għamel att ta' spoll u li kien dan li tah dritt ta' azzjoni. Li l-ġurisprudenza tgħallem li l-qorti għandha tindaga biss jekk wieħed kellux il-pussess jew id-detenzjoni tal-oġġett u dan għaliex l-azzjoni ta' spoll hi konċepita bħala azzjoni rapida u effikaċi. Li hu inutli li l-appellant isostni li hu għandu passaġġ ieħor għaliex dan ma jeliminax l-eżistenza tal-att spoljattiv. Li l-azzjoni ta' spoll hi waħda li l-għan tagħha hi li taqdi esiġenzi soċjali biex tingħata protezzjoni lil kwalunkwe pussess u biex jiġi restawrat l-istat tal-pussess skonvolt.

19. Din il-Qorti tqis li dak li jrid il-konvenut appellant huwa li jsir apprezzament ġdid tal-provi minn din il-Qorti dwar l-element tal-pussess u dan peress li l-appellant jargumenta li attur hu nieqes minn dan.

20. Issa qabel din il-Qorti tiddetermina jekk hemmx lok li tiddisturba l-apprezzament magħmul mill-Ewwel Qorti, ser taċċenna għal-provi relevanti għar-rekwiżit preżenti **biss** u konsegwentement l-osservazzjonijiet li ser isegwu jinkludu fil-maġġorparti referenza għall-dawk il-provi li huma relevanti għall-ispoll allegat mill-attur fil-kawża tal-lum u mhux għall-ilment tal-konvenut indirizzat fir-rikors ġuramentat 90/2021.

21. Ġew imressqa diversi rapporti mal-pulizija: (i) fis-16 ta' Awwissu 2021 minn Emanuel Mizzi rigward l-akkadut li seħħ fl-14 ta' Awwissu 2021 mertu tal-kawża 90/2021; (ii) fis-17 ta' Awwissu 2021 minn Nicholas Galea rigward l-akkadut mertu ta' din il-kawża; u (iii) Fil-21 ta' Awwissu 2021 minn Emanuel Mizzi li talab li jiġi aġġornat ir-rapport tas-16 ta' Awwissu 2021.

22. Din il-Qorti rat li:

i. L-attur jixhed (ara l-affidavit tal-attur minn paġna 46 sa paġna 57 inkluż id-dokumenti u r-ritratti), li għandu għelieqi, madwar 25 tomna fl-inħawi magħrufa bħala tax-Xemxi, tal-Fanal, Ta' Ġordan jew Tal-Gallina fuq l-għolja u kontrada magħrufa ta' Ġordan fil-limiti tal-Għasri. Xehed li għar-raba' jasal minn passaġġi differenti skont il-pożizzjoni ta' kull raba'. Li mill-passaġġ li għalaqlu l-konvenut, li

bih jaċċessa ħmistax-il tomna, jgħaddi bejn Mejju u Settembru għaliex dak il-passaġġ biss tajjeb biex wieħed jgħaddi b'mezzi mekkaniċi. Bejn Ottubru u Mejju juża passaġġ tar-riġel. Jixhed li anke bdiewa oħra jużaw il-passaġġ inkwistjoni u ċjoè dak karrozzabbli. Jgħid li bejnu u bejn il-konvenut ma kienx hemm relazzjoni tajba u dan minħabba kwistjoni li tirrelata ma' biċċa art li ma kienx irnexxielu jakkwista l-konvenut iżda akkwista l-attur. Jgħid li sab ġebel u ħamrija maqlugħa u anke dura tiegħu li ġiet miżbugħa ħamra;

ii. Jixhed li fl-14 ta' Awwissu 2021 kien mar mal-kuntrattur Peter Paul Said u ħaddiema tiegħu u daħlu bi *crane* u *truck* għall-għalqa tiegħu, mill-passaġġ karrozzabbli, biex jiddiskutu xi xogħol li kellu jsir, u wara kien hemm konfront mal-konvenut u li l-konvenut anke ġibed xi ritratti;

iii. Fis-17 ta' Awwissu 2021 (<u>u ċjoè fid-data li fiha l-attur jgħid li seħħ l-ispoll</u>), għall-ħabta tal-11 ta' filgħodu, l-attur għadda mill-passaġġ karrozzabbli u meta ġie biex joħroġ wara ġurnata xogħol għall-ħabta tat-8 ta' filgħaxija, mill-istess passaġġ, sab il-passaġġ ostakolat bil-ġebel tas-sejjieħ li kien irbolla fil-passaġġ f'munzell (ara **Dok C, D** u **E** paġni 53 sa 55). Hu jixhed li kien bil-karozza tiegħu, ta' għamla Jeep. Jgħid li dak il-ħin ċempel lill-pulizija u lill-

avukat tiegħu biex jinfurmahom li hu kien maqbud fil-passaġġ. Hu informa lill-pulizija li fil-probabbiltà l-ġebel kien poġġihom il-konvenut. Il-konvenut ammetta dan mal-pulizija u informahom li l-attur seta' jgħaddi mill-passaġġ li jagħti mit-Tieqa ta' Wied il-Mielaħ. L-attur jgħid li l-pulizija informawh li ma setgħu jagħmlu xejn u li b'hekk ċaqlaq ftit ġebel biex ikun jista' jgħaddi u laqat il-karozza tant li jgħid li ġarrbet xi brix u sarilha ħsara lis-*silencer*;

iv. Fis-17 ta' Awwissu, 2021 l-attur għamel rapport mal-pulizija (ara **Dok JG2** f'paġni 65 sa 67);

v. L-attur ressaq żewġ ritratti mittieħda mill-ajru li juru l-passaġġ u jimmarka fejn sar il-ħajt (ara **Dok F** u **G** f'paġni 56 u 57);

vi. Fil-kontroeżami l-attur xehed (ara paġni 277 sa 286) li hu għamel il-kawża ta' spoll biex ineħħi l-imblokk li sab u dan biex ikun jista' jgħaddi għar-raba' tiegħu. Li għadda minn passaġġi oħra biex ikun jista' jaħdmu u li ħallas il-flus għal dan u li kien ilu jgħaddi mill-passaġġ inkwistjoni ħamsa u għoxrin sena. Meta mistoqsi fuq id-data ta' meta seħħ l-ispoll, u dan għaliex il-konvenut b'riħet id-difensur tiegħu jisħaq li hu poġġa l-ġebel u l-ħajt fis-16 ta' Awwissu 2021, l-attur iwieġeb li hemm ir-rapporti tal-pulizija u li xħin daħal seta' jidħol u meta ġie biex joħroġ ma setax u li warrab ftit ġebel

biex ikun jista' joħroġ.

vii. Permezz ta' affidavit, xehed ċertu William Zammit (ara paġni 111 u 112). Dan għandu r-raba' fuq l-Għolja tal-Ġordan u li b'kollox jaħdem sitt itmiem. Qabel kellu aktar raba', li llum tinħadem minn terzi u li r-raba' qiegħda 'l ġewwa mill-passaġġ inkwistjoni. Jixhed li kien jgħaddi minn fuq l-għalqa ta' Emanuel Mizzi, li kellha passaġġ, li iżda meta kien isib l-aċċess magħluq, hu kien jgħaddi mill-passaġġ mertu tal-kawża; jgħid li kien ilu jagħmel dan ċirka sentejn jew tliet snin. Jgħid li sab il-passaġġ inkwistjoni magħluq f'Awwissu tas-sena 2021 iżda ma jafx min ostakolah u li kif sabu jista' jgħaddi biss bniedem bir-riġel. Hu mar fil-passaġġ wara li ltaqa' mal-attur u informah bil-kwistjoni. Jgħid li ftit ġimgħat qabel ma sabu magħluq terzi persuni li ħasdulu l-wiċċ tal-għalqa kienu għaddew bil-magna tal-ħsad mill-passaġġ inkwistjoni. Hu ppreżenta żewġ ritratti li juri l-passaġġ imblukkat (ara **Dok WZ1** u **WZ2** paġni 113 u 114). Fil-kontroeżami (paġni 232 sa 244) xehed li fl-*area* tal-passaġġ kien imur sa minn meta kien żgħir u li kien jgħaddi mill-passaġġ għaliex qatt ma kien ostakolat b'xi ħajt. Li kien jgħaddi minn fuq ir-raba' tal-konvenut (**ara DOK SM2** f'paġna 123 fuqu mmarkata WZ – **ara ritratt aktar 'l isfel**) ħlief meta kien ikun maħdum u jekk ried jgħaddi bl-inġenji kien jgħaddi minn fuq il-passaġġ inkwistjoni (dak immarkat) u li qatt ma ċaqlaq ġebel biex jgħaddi;

viii. Permezz ta' affidavit, ċertu Josef Said xehed (ara paġni 116 u 117) li kien mar f'għalqa tal-attur wara li bagħtu ħuh Peter Paul Said, is-sid ta' Said Construction Ltd. li ġiet inkarigata tagħmel xogħlijiet fir-raba' tal-attur. Jgħid li hu għadda mill-passaġġ inkwistjoni bl-inġenji u dan mingħajr ma mess xi ġebel fil-ġenb tal-mogħdija. Jixhed li xi żmien wara kien iltaqa' mal-attur li qallu li kien inbena ħajt fil-passaġġ li kien għadda minnu. Fil-kontroeżami (paġni 179 sa 189) xehed li ma kienx preżenti meta sar ix-xogħol u li bagħat il-ħaddiema iżda li ma jafx min huma l-ħaddiema. Mitlub jiċċekkja min kienu l-ħaddiema hu ma kienx kapaċi jipprovdi informazzjoni u b'hekk meta mistoqsi setax jikkonferma jekk ġewx minsusa l-ħitan tal-konvenut hu ma kienx f'pożizzjoni li jwieġeb (paġni 245 sa 248). Ikkonferma li meta mar mal-attur biex jara x'tip ta' xogħol kien hemm bżonn issir, baqgħu tielgħin mill-passaġġ u ma kienx hemm ostakoli. B'referenza għall-**DOK SM2** (f'paġna 123), ix-xhud immarka l-passaġġ li għaddew minnu, mertu tal-kawża (fir-ritratt ta' hawn taħt);



**Fig 1- Dok SM2**

ix. Tressaq rapport *ex parte* tal-Perit Shawn Micallef (ara minn paġna 120 'il quddiem tal-atti tal-kawża) li kien jinkludi ritratti mittieħda mill-ajru tal-passaġġ tas-snin 2012, 2016 u 2018 u ritratti li ħa l-perit fl-2022. Fil-kontroeżami (paġni 170 sa 178) xehed li l-ħajt fil-passaġġ inkwistjoni kien jidher ġdid. B'referenza għar-ritratt mittieħed mill-ajru fl-2018, il-perit xehed li ma jidhirx il-ħajt magħmul bil-ġebel u li jidhru marki tal-vetturi tat-*tyres*. Xehed li mar fuq il-post, ra r-ritratti mittieħda mill-ajru u li l-ħajt ma kienx dejjem hemm u li jaf li r-raba' tal-attur qiegħda fl-aħħar tal-passaġġ.

23. Mil-lat ieħor, din il-Qorti rat li:

i Permezz ta' affidavit (ara **Dok EM1** f'paġna 131 sa 133), il-

konvenut jisħaq li fl-14 ta' Awwissu, 2021 l-attur daħal f'partijiet tar-raba' tiegħu minn fejn m'għandux dritt jgħaddi, u li daħlu wkoll inġenji, u li l-attur għarraq il-proprjetà tal-konvenut billi neħħa ħitan tas-sejjieħ u ħamrija. Hu għamel rapport mal-pulizija nhar is-16 ta' Awwissu 2021 għall-ħabta tad-21.30 ta' filgħaxija rigward dan l-akkadut (ara **Dok A** f'paġni 13 sa 15). Jgħid li sab volum ta' ħamrija nieqsa. Dan ir-rapport ġie aġġornat fil-21 ta' Awwissu 2021 meta l-konvenut mar l-għassa u rrapporta li: "*sab il-kumplament ta' dak il-vieg ġebel tas-sejjieħ li kien issemma iktar kmieni f'dan ir-rapport ta' nhar 18/08/2021 ġie mċaqlaq 'il barra minn fuq l-art tal-istess Mizzi u b'hekk il-passaġġ twessa' biex ikunu jistgħu jgħaddu inġenji kbar*."

ii Li fis-16 ta' Awwissu 2021 ħa materjal tas-sejjieħ biex jirranġa ħwejġu u poġġa xi ġebel fil-passaġġ minn fejn fis-17 ta' Awwissu 2021 l-attur jisħaq li prova jgħaddi minnu fit-tard u sabu mblukkat. Dakinhar tas-16 ta' Awwissu 2021 il-konvenut intavola wkoll mandat ta' inibizzjoni;

iii Fis-17 ta' Awwissu 2021, wara li l-attur mar jagħmel rapport mal-pulizija, il-pulizija kellmu lill-konvenut Emanuel Mizzi, fejn dan ammetta li kien tefa' ġebel fl-għalqa tiegħu stess u dan sabiex jirranġa ħitan li kien ġew imwaqqa' u li kien ħalla wiesgħa biex

jgħaddi persuna bir-riġel u li ma kienx lest ineħħih. Fl-affidavit tiegħu l-konvenut jixhed li l-attur qatt ma kien jgħaddi mill-passaġġ inkwistjoni u dan għaliex kellu rotta oħra mil-liema kien jgħaddi;

iv Jixhed li l-ispoll reklamat mill-attur hu kollu messa in xena u dan għaliex l-attur seta' jgħaddi minn mogħdija oħra, magħrufa bħal tat-Tafla u l-attur dejjem minn hemm għadda u baqa' jgħaddi tant li r-raba' tal-attur għadu jinħadem. Li dak li xehed l-attur fl-affidavit, li ma hemmx passaġġ ieħor minn fejn jistgħu jgħaddu mhuwiex minnu u dan għaliex il-bdiewa tal-viċinanzi ħadmu l-art u għaddew bl-inġenji minn mogħdija oħra;

v Il-konvenut ippreżenta numru ta' ritratti mal-affidavit tiegħu (ara **Dok 1 sa Dok 14** minn paġna 134 sa 147) biex juri l-mogħdija u l-ġebel li jgħid li ġie spostjajt biex l-attur seta' jgħaddi;

vi Fil-kontroeżami, fost ħafna affarijiet rigward il-ħamrija li tneħħietlu u r-rapporti li għamel, xehed (paġni 255 sa 276) li terzi persuni kienu jgħaddu mill-passaġġ bil-permess tiegħu. Li qatt ma għaddew karozzi iżda għaddew *tractors*;

vii Permezz ta' affidavit iben il-konvenut, Samuel Mizzi (ara **Dok SM1** f'paġna 148) ikkonferma x-xhieda ta' missieru u qal li qatt ma ra lill-

attur jgħaddi mill-passaġġ in kwistjoni bl-inġenji u li fl-14 ta' Awwissu, 2021 kien sab il-kuntrattur Said Construction Ltd. jagħmel xogħol bil-gaffa u bil-crane ġo ħwejjeġ missieru. In kontroeżami (paġni 288 sa 307) xehed li r-ritratti li ħa dakinhar tal-14 ta' Awwissu 2021, meta kien hemm ta' Said Construction Ltd., ħadhom mill-*mobile* tiegħu u li flimkien ma' missieru tefgħu munzell ġebel dakinhar tas-16 ta' Awwissu 2021 u li l-għada daħal l-attur u mess il-ġebel li huma kienu ħallew biex jirranġaw il-ħsara li sabu fir-raba' tagħhom;

viii Permezz ta' affidavit ċertu George Mercieca (ara **Dok GM1** f'paġna 160) xehed li jaħdem, flimkien ma' familtu, diversi porzjonijiet ta' raba' fl-inħawi tal-Fanal limiti tal-Għasri, magħrufin bħala Tal-Ħamri *sive* Ta' Sfunarrija. Jisħaq li fis-sajf kien jgħaddi minn fuq biċċa raba' tal-konvenut bil-permess tiegħu u li qatt ma kien hemm passaġġ jew mogħdija għall-inġenji. Li l-marki tat-*tractor* li jidhru mill-ajru kienu tiegħu stess u l-konvenut kien jagħlaq il-ħajt bil-ġebel wara li jgħaddi. Li l-konvenut ma ridhomx jgħaddu aktar mill-għalqa tiegħu u hu beda jgħaddi minn triq oħra. Fil-kontroeżami xehed (paġni 206 sa 209) li kien jgħaddi mill-passaġġ mertu tal-kawża u li ma kienx hemm ħajt jimblokka l-passaġġ;

ix Tressaq rapport *ex parte* tal-Perit Cornelia Tabone (ara **Dok CT 1**

f'paġni 149 sa 159) fejn ikkonstatat li r-raba' tal-konvenut ġiet mittiefsa. B'referenza lejn ir-ritratti mittieħda mill-ajru preżentati mill-Perit Shawn Micallef xehdet li l-passaġġ ma jidhirx ċar fir-ritratti kollha u dan għaliex hemm *overgrowth* ta' ħaxix iżda li fil-bqija tar-ritratti l-ħajt jidher. Li rat diżlivell bejn għalqa u oħra ta' żewġ piedi u li l-ħitan qed iżommu l-ħamrija ta' fuq ir-riħ. Ġiet ukoll preżentata nota (ara **Dok CT2** paġni 118 sa 123 fl-atti tar-rikors ġuramentat 90/2021 fl-ismijiet ***Emanuel Mizzi v. Nicholas Galea***) b'ritratti mittieħda mill-ajru tas-snin 2018, 2016, 2012, 2004, u 1998 u ġie rrimarkat li fis-snin 1998 u 2004 jidher il-ħajt.

24. Din il-Qorti rat li tressqu erba' rappreżentati tal-korp tal-pulizija li xehdu rigward ir-rapporti mressqa mal-pulizija fuq l-inċidenti kollha li ġraw mill-14 ta' Awwissu, 2021, u li anke aċċedew fuq il-post. Tressqu wkoll xi ritratti. PS698 Shaun Tabone minbarra li ta rendikont tar-rapport ippreżentat fis-16 ta' Awwissu 2023, xehed li bejn il-partijiet jidher li kien hemm nuqqas ta' ftehim (paġni 71 sa 76). PS1040 John Grima xehed li mar fuq il-passaġġ inkwistjoni dakinhar tat-18 ta' Awwissu 2021 bejn id-9 u l-10 ta' filgħaxija u ppreżenta ritratti b'munzelli tal-ġebel (ara paġni 61 sa 64) u li l-konvenut ma setax jgħidlu kemm naqas ġebel u l-valur tal-istess u li ma setax jikkompara. Tinnota li x-xhud Samuel Mizzi kellu jippreżenta nota bil-metadata tar-ritratti biex jiġi indikat meta ttieħdu dawn ir-ritratti. Din in-nota ma jidhirx li ġiet ippreżentata fl-atti ta' din il-kawża

iżda ġiet preżentata man-nota ta' sottomissjonijiet tal-kawża 90/2021 u tinkludi ritratti tal-passaġġ u l-għalqa mittieħda fuq medda ta' jiem f'Awwissu tal-2021 (ara 189 sa 202 fl-atti tar-rikors ġuramentat 90/2021). Din il-Qorti rat li ġie ppreżentat ritratt, mittieħed fis-16 ta' Awwissu 2021 fil-ħin ta' 18:41 (ara Dok 5 f'paġna 193 fl-atti tar-rikors ġuramentat 90/2021) li fix-xhieda tiegħu Samuel Mizzi, iben il-konvenut hawn appellant, kien xehed li r-ritratt juri li l-passaġġ ġie ostakolat bil-ħajt ġurnata qabel ma l-attur jilmenta li sar spoll u ċjoè ġurnata qabel is-17 ta' Awwissu.

25. Issa din il-Qorti tfakkar li azzjoni ta' spoll hi maħsuba li tkun rapida u effikaċi għall-iskop li ma tħalli lil ħadd jiddisturba stat ta' fatt arbitrarjament u biex iġġiegħel lill-konvenut jerġa' jqiegħed il-ħaġa fl-istat li kienet qabel ma ddisturbaha (ara ***Edwin Zarb et v. Gilbert Vassallo et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar it-2 ta' Ġunju 2015 u ***Mariano Farrugia et nomine v. Peter Paul Cutajar et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar il-23 ta' Ottubru 1998). Konsegwentement din il-Qorti mhux ser tidħol fuq il-kwistjoni tar-raġuni l-għaliex seħħ l-ispoll, *stante* li dawn l-eċċezzjonijiet ma għandhomx lok f'din it-tip ta' azzjoni (ara ***Anthony Grima et v. Salvatore Micallef et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar il-31 ta' Jannar 2011).

26. Issa, u fuq il-kwistjoni tal-pussess, dak li hu meħtieġ fil-kawżi ta'

spoll hu li jeżisti l-pussess materjali *di fatto* u mhuwiex meħtieġ li l-attur jipprova li għandu dritt ta' proprjetà jew ta' servitù fuq il-ħaġa li minnha huwa ġie spoljat bi vjolenza jew b'mod klandestin. Il-pussess jista' jkun ta' liema xorta jkun (ara ***Central Holidays (Travel Agents and Organisers) Limited v. Alexandra Balzan Ruggier*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-3 ta' Diċembru, 2010). Ir-rekwiżit tal-pussess hu sodisfatt anke bis-sempliċi detenzjoni. Madankollu l-attur xorta jrid jipprova li għandu dan il-pussess, anke jekk dan ikun wieħed qasir ħafna u saħansitra momentarju (ara ***Giuseppe Camilleri v. Emanuele Camilleri et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar it-28 ta' April 2021 u ***Joseph Camilleri et v. Carmelo Camilleri et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar il-15 ta' Diċembru 2015). Barra minn hekk, f'kawżi bħal dawn il-Qorti m'għandhiex tistħarreġ jekk l-attur għandux jedd għall-pussess li jkun qiegħed jitlob li jikseb lura (ara ***Michelangelo Attard v. Joseph Bajada et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Ottubru, 2021).

27. Il-Qorti mhux mistennija tagħmel xi studju estensiv fir-rigward ta' jekk fis-snin passati l-attur kellux fil-pussess tiegħu l-passaġġ karrozzabbli jew jekk matul il-medda taż-żmien eżista ħajt. Fuq kollox il-qrati tagħna aċċettaw li f'każijiet ta' spoll il-pussess jista' jkun wieħed ta' ftit jiem, qabel mal-vittma jressaq l-istess azzjoni:

> *«Intqal kemm-il darba mill-qrati li anke jekk il-pussess ikun qasir ħafna u saħansitra momentarju, dak il-fatt materjali tal-pussess ikun biżżejjed biex jawtorizza l-azzjoni ta' spoll (ara* **Salvu Briffa et v. Gerolamo Bugeja** *mogħtija mill-Qorti tal-Appell fid-29 ta' Settembru, 2006,* **Grima Communications Company Limited v. Mario Tufigno et** *mogħtija mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta'*

*Marzu, 2007 u **Rosaria Maria Mamo et v. Dael Theuma Whitelaw** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Jannar, 2023). Jiġi b'hekk, li anke li kieku stess l-attur kellu l-pussess tal-għalqa għal ħamest ijiem biss, bħalma qed jippruvaw jagħtu l-impressjoni l-atturi, dan il-fatt waħdu ma jnaqqas xejn mill-jedd tal-attur li jdur fuq azzjoni bħal dik tal-lum sabiex jerġa' jitqiegħed fl-istess qagħda li kien fiha qabel ma twettqu l-għemejjel ilmentati minnu.*

*Huwa daqstant ieħor magħruf li l-pussess jitqies li jkun intilef hekk kif jiġi ppruvat li jkun ittieħed mill-attur (**ara John Muscat et v. Emmanuel Portelli** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-8 ta' Jannar, 2018). Għaldaqstant, ġaladarba l-appellanti stess qed jistqarru li tilfu l-pussess għal ħamest ijiem, dawn ma setgħux jieħdu l-liġi b'idejhom billi jispussessaw lill-attur mit-tgawdija ta' dik l-għalqa.[1]»*

28. Issa l-Qorti hi tal-fehma li anke jekk fi snin passati seta' kien hemm *overgrowth*, u kien hemm snin ukoll fejn jidher li kien hemm ħajt, fil-perjodu li seħħet il-kwistjoni hawn trattata, din il-Qorti tqis li kien jeżisti passaġġ mingħajr ħajt. Din il-Qorti rat li l-passaġġ kien utilizzat minn terzi li kkonfermaw li qatt ma kien hemm ħajt li jostakolah (William Zammit, George Mercieca).Dan kien użat mill-attur meta għadda minnu ma' Joseph Said, qabel ma beda x-xogħol f'Awwissu, (anke jekk id-data mhux indikata). Mill-pjanti mressqa u mix-xhieda din il-Qorti hi tal-fehma li dan il-passaġġ kien wieħed karrozzabbli u li fil-fatt ma kienx ostakolat.

29. Din il-Qorti tinnota wkoll li l-appellant ittanta jagħmel l-argument, kemm-il darba, li l-attur kellu passaġġi oħra minn fejn jgħaddi, u li għalhekk dan juri li la kellu bżonn jgħaddi mill-passaġġ inkwistjoni u anqas li qatt għadda minnu. Il-punt tal-aħħar diġà ġie indirizzat, fir-rigward tal-ewwel punt jingħad li kif anke diġà esprimew il-qrati tagħna (*ara **San Martin Estates Ltd vs. Maria Gauci et*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti

[1] Ara ***Raymond Grech v. Maria Concetta Grech et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-7 ta' Diċembru, 2023

Ċivili nhar is-7 ta' Mejju 2010 u kkonfermata mill-Qorti tal-Appell nhar il-31 ta' Jannar 2011), il-fatt li l-attur għandu passaġġi oħra minn fejn jista' jgħaddi ma jfissirx li ma jistax iressaq din l-azzjoni.

30. Fl-aħħar mill-aħħar din il-Qorti tfakkar li l-grad tal-prova li trid timxi fuqha hi waħda ta' bilanċ ta' probabbiltajiet, kif inhu mistenni fil-kamp ċivili (ara ***Charlayne Josephine Mintoff v. Jason George Mintoff et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Jannar, 2022). Tqis li fuq dan il-binarju ma tarax li hemm raġuni biżżejjed biex tiddisturba dak li kkonkludiet l-Ewwel Qorti fir-rigward tal-kwistjoni tal-pussess, anke għaliex din il-Qorti tqis li l-Ewwel Qorti mhux biss għexet l-istorja kollha iżda anke rat li aċċediet fuq il-lok fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni, u b'hekk sejra tiċħad dan l-aggravju.

31. Permezz tat-**<u>tieni aggravju</u>** l-appellant jargumenta li l-attur jidher li fetaħ din l-azzjoni fuq il-premessa unika li fis-17 ta' Awwissu 2021 l-appellant wettaq spoll. Iżda jekk din il-Qorti tifli l-atti ta' din il-kawża jidher biċ-ċar li l-appellant aġixxa biss fis-16 ta' Awwissu 2021 u dan billi ħa materjal tas-sejjieħ biex jirranġa ħwejġu li jgħid li għarraqlu l-appellant u dan *in linea* mal-massimu *rem vim repellent licet.* Li fl-istess jum intavola mandat ta' inibizzjoni u kien anke ressaq rapport mal-pulizija. Li kif diġà ngħad, ir-rikors promotur hu bbażat fuq nofs verità għaliex l-appellat jinjora dak li seħħ fl-14 ta' Awwissu 2021 u dan meta l-appellant daħal illegalment b'makkinarju tal-kostruzzjoni (*crane* u *truck* li kien qed iġorr

*mini-excavator*) u ħalla ħerba warajh.

32. B'żieda ma' dan, il-konvenut apppellant jgħid li teżisti prova li l-materjal intefa' fis-16 ta' Awwissu 2021 u b'hekk qatt ma seta' jreġġi li fis-17 ta' Awwissu sar att spoljattiv.

33. Jisħaq li b'referenza għar-rapporti tal-pulizija, kien l-appellant li ressaq l-ewwel rapport u li meta ressaq ir-rapport l-attur kien diġà jaf bil-mandat ta' inibizzjoni. Huwa għalhekk li l-appellant jinsisti li din l-azzjoni hi *messa in scena* u dan għaliex l-appellat kellu aċċess minn lat ieħor għar-rabà tiegħu. Li l-provi mressqa mill-appellant, ir-rapporti u l-mandat ta' inibizzjoni huma biżżejjed biex l-appellant isostni t-teżi tiegħu.

34. L-appellant ikompli jgħid li din il-Qorti għandha tkun konvinta li ma seħħ l-ebda spoll fis-17 ta' Awwissu 2021. Li fl-aħħar mill-aħħar din il-Qorti hi marbuta li tiddeċiedi skont it-talbiet fir-rikors promotur.

35. L-appellat iwieġeb illi l-liġi hi ċara u dan fis-sens li mhux qed tippretendi ħabi jew *vix atrox* u r-rekwiżit tal-klandestinità jew vjolenza ikun sodisfatt jekk l-aġir attakkat ikun mingħajr il-kunsens tal-possessur. Li fit-tieni lok li hu meħtieġ huwa vjolenza fuq il-ħaġa. Itenni li huwa irrelevanti wkoll b'liema animu jkun għamel l-ispoll il-konvenut u li f'dan il-każ seħħ *ad insaputa* tiegħu. Li kien il-konvenut li għamel *messa in scena*

li sab ħamrija u ġebel nieqsa. Li ma jiswa xejn li l-attur saħaq li l-azzjoni li għamel kienet bħala difiża.

36. Din il-Qorti rat li permezz tat-talbiet tiegħu, l-attur jitlob li l-qorti ssib li l-konvenut għamel spoll meta bena ħajt tal-ġebel f'passaġġ karrozzabbli u b'hekk imblokka l-passaġġ. Dan il-konvenut ma jiċħdux, anzi jammetti li fil-fatt kien hu li bena l-ħajt biex iżomm lill-attur milli jgħaddi. Issa huwa minnu li hemm dubju jekk fil-fatt fis-17 ta' Awwissu, filgħodu, l-attur għaddiex minn dak il-passaġġ jew minn passaġġ ieħor. Iżda li hu ċert huwa li l-attur ma setax joħroġ minn dak il-passaġġ għaliex kien ostakolat u li dan kien ostakolat mill-konvenut. Kif diġà saħqet din il-Qorti aktar 'il fuq, ir-raġuni l-għala seħħ l-att spoljattiv mhux relevanti.

37. **Fuq nota oħra u fir-rigward tar-rekwiżit tal-*infra bimestre deduxisse,*** jiġi osservat, li din il-Qorti tqis li l-attur ma kienx veritier, jew biex jingħata l-benefiċċju tad-dubju ma kienx ċar dwar kif ġraw il-fatti dakinhar li sab ruħu maqbud wara l-ħajt tas-sejjieħ fil-passaġġ inkwistjoni. L-attur jgħid li filgħodu tela' mill-passaġġ inkwistjoni u ċjoè għall-ħabta tal-11 ta' filgħodu u li kien fit-8 ta' filgħaxija meta ġie biex joħroġ mill-passaġġ li dan sabu imbarrat. Dan kollu l-attur jgħid li seħħ fis-17 ta' Awwissu 2021 u l-attur jgħid li ma kienx hemm passaġġi oħra minn fejn jgħaddi.

38. Din il-Qorti hi tal-fehma li l-fatti mhux neċessarjament ġraw b'dan il-mod u dan għaliex jekk din il-Qorti kellha toqgħod fuq ir-ritratti bil-*metadata* esibiti mill-konvenut fl-atti tar-rikors ġuramentat 90/2021 tqis li dak ir-ritratt huwa fil-fatt ritratt tal-passaġġ u li dan ġie imbarrat ġurnata qabel. Mela allura jfisser li jew l-attur Nicholas Galea għadda minn dan il-passaġġ filgħodu u għamel biżżejjed spazju biex jgħaddi, iżda ċempel lill-pulizija filgħaxija; inkella li għadda bil-karozza minn passaġġ ieħor u dan meta saħaq li f'dak iż-żmien tas-sena ma jkunx hemm passaġġi oħra.

39. Issa madankollu anke li kieku dan hu minnu, huwa l-konvenut stess li jressaq il-prova li l-ħajt għamlu fis-16 ta' Awwissu, 2021 u dan kif xehed ibnu stess Samuel Mizzi fil-kontroeżami tiegħu u kif wera permezz ta' ritratt esebit mill-konvenut fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu fl-atti tar-rikors ġuramentat 90/2021 li jġib id-data tas-16 ta' Awwissu 2021 u l-ħin 18:41. Dan minbarra li meta l-konvenut Emanuel Mizzi ġie kkunttatjat mill-pulizija dakinhar tas-17 ta' Awwissu 2021 ammetta magħhom li kien hu li ostakola «*l-passaġġ karrozzabbli*». B'din il-prova jiġi sodisfatt kemm li sar l-att spoljattiv u kemm li l-kawża tressqet fit-terminu ta' xahrejn u dan peress li l-kawża ġiet imressqa fis-17 ta' Settembru 2021.

40. Konsegwentement dan l-aggravju qed jiġi miċħud ukoll.

41. Fl-aħħar nett l-attur jitlob biex din il-Qorti tapplika s-**subinċiż 4 tal-**

**Artikolu 223 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** ħalli l-konvenut appellant jiġi kkundannat iħallas spejjeż doppji, għaliex jgħid li l-appell hu frivolu u vessatorju. Din il-Qorti iżda ma taqbilx għaliex ma tħossx li l-appell kien wieħed li kien jixraqlu tali sanzjoni.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda **tiċħad** l-appell imressaq mill-konvenut Emanuel Mizzi, bl-ispejjeż kollha kontra l-istess konvenut. Is-sentenza appellata qiegħda għalhekk tiġi mħollija kif inhi, ħlief li ż-żmien ta' xahar biex il-konvenut iwettaq ix-xogħlijiet għandu jitlaq mid-data ta' din is-sentenza mogħtija llum.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
ss